# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 30 ta' Mejju, 2001.**

**Numru 78**

**Citaz. Nru. 985/98GV**

Doc. 83-01

**Joseph Vella ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Hal Mann Tiling Projects Limited**

**vs**

**Perit Norbet Attard**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac=citazzjoni pprezentata fit-12 ta' Mejju, 1998 li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi hija kreditrici tal-konvenut fl-ammont ta' sittax il-elf u sebghin lira Maltin disgha u tletin centezmu (Lm16,070.39) liema ammont jirraprezenta l-bilanc ta' prezz ta' madum tac-ceramika u taghmir ta' *swimming pools* lilu mibjugh u konsenjat mill-istess socjeta' attrici kif ukoll tqeghid tal-istess provdut mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-istess konvenut.

Premess illi l-konvenut naqas li jhallas l-imsemmi ammont ghalkemm debitament interpellat anke permezz ta' ittra ufficjali sabiex jersaq ghall-hlas

Is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lill attur nomine s-somma ta' Lm16,070.39 bilanc ta' prezz ta' madum tac-ceramika u taghmir ta' *swimming pool* lilu mibjugh u fornit kif fuq inghad

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra interpellatorja tas-6 ta' Mejju, 1996, tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Settembru, 1996 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju kontestwalment pprezentat, oltre ghall-imghaxijiet legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.

B'nota ta' eccezzjonijiet pprezentata fit-12 ta' Frar, 1999 il-konvenut ecepixxa

1. Preliminarjament il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici ai termini tal-artikolu 2149(a);

2. minghajr pregudizzju it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda ghaliex mhux minnu li bejn is-socjeta' attrici u l-eccipjent kien hemm relazzjoni ta' kompravendita kif premess fic-citazzjoni izda kuntratt ta' appalt kif jigi ppruvat;

3. Illi x-xoghol li sar mis-socjeta' attrici sar hazin;

4. Illi l-ecipjent mhux talli m'ghandux jaghti lis-socjeta' attrici izda ghandu jiehu flus l-ecipjent minghand is-socjeta' attrici in via ta' danni u kommissjonijiet dovuti lilu.

Mal-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut ipprezenta kontro-talba fejn ppremetta:

Illi l-konvenut rikonvenzjonanti kien inkariga lis-socjeta' attrici rikonvenzjonata b'appalt li kien jikkonsisti f'diversi xogholijiet go *'pool'* fi propjeta' tal-konvenut f'Ghawdex u

illi is-socjeta' attrici esegwiet dawn ix-xogholijjiet b'nuqqas ta' hila, traskuragni, u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tas-sengha u bhala rizultat ikkawzat danni lill-konvenut rikonvenzjonanti, kemm attwali kif ukoll f'telf ta' qliegh kif jigi ppruvat.

U talab lis-socjeta' attrici tghid ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex

1. Tiddikjara li s-socjeta' attrici hija responsabbli ghad-danni ikkawzati lill-konvenut rikonvenzjonanti kif intqal fuq.

2. Tillikwida d-danni msemmija okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lis-socjeta' attrici rikonvenzjonata thallas id-danni kif likwidati kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet kontra is-socjeta' attrici rikonvenzjonata.

Fid-9 ta' Mejju, 1999 giet ipprezentata nota tal-eccezzjonijiet mis-socjeta' attrici ghall-kontro-talba pprezentata fejn ecepiet:

1. Preliminarjament il-presekrizzjoni tal-azzjoni rikonvenzjonali a tenur tal-artikolu 2153 tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess l-infondatezza tal-pretenzjonijiet rikonvenzjonali billi s-socjeta' esponenti wettqet l-inkarigu lilha moghti skond is-sengha u l-arti;

3. Salvi eccezzjonijiet ohrajn.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

**CITAZZJONI**

B'citazzjoni pprezentata fit-12 ta' Mejju. 1998 is-socjeta' attrici ppremettiet illi

hija kreditrici tal-konvenut fl-ammont ta' sittax il-elf u sebghin lira maltin disgha u tletin centezmu (Lm16,070.39) liema ammont jirraprezenta il-bilanc ta' prezz ta' madum tac-ceramika u taghmir ta' *swimming pools* lilu mibjugh u konsenjat mill-istess socjeta' attrici kif ukoll tqeghid tal-istess provdut mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-istess konvenut. illi l-konvenut naqas li jhallas l-imsemmi ammont ghalkemm debitament interpellat anke permezz ta' ittra ufficjali sabiex jersaq ghall-hlas; talab il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet imsemmija m'ghandhiex din il-Qorti:

Tikkundannah sabiex ihallas lill attur nomine s-somma ta' Lm16,070.39 bilanc ta' prezz ta' madum ta' ceramika u taghmir ta' *swimming pool* lilu mibjugh u fornit kif fuq inghad Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

**ECCEZZJONIJIET**

B'nota ta' eccezzjonijiet pprezentata fit-12 ta' Frar, 1999 il-konvenut ecepixxa Preliminarjament il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici ai termini tal-artikolu 2149(a); minghajr pregudizzju it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda ghaliex mhux minnu li bejn is-socjeta' attrici u l-eccipjent kien hemm relazzjoni ta kompravendita kif premess fic-citazzjoni izda kuntratt ta' appalt kif jigi ppruvat; Illi x-xoghol li sar mis-socjeta' attrici sar hazin; Illi l-ecipjent mhux talli m'ghandux jaghti lis-socjeta' attrici izda ghandu jiehu flus l-ecipjent minghand is-socjeta' attrici in via ta' danni u kommissjonijiet dovuti lilu.

**KONTRO-TALBA**

Mal-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut ipprezenta kontro-talba fejn ppremetta: Illi l-konvenut rikonvenzjonanti kien inkariga lis-socjeta' attrici rikonvenzjonata b'appalt li kien jikkonsisti f'diversi xogholijiet go '*pool*' fi propjeta' tal-konvenut f'Ghawdex u illi s-socjeta' attrici esegwiet dawn ix-xogholijjiet b'nuqqas ta' hila, traskuragni, u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tas-sengha u bhala rizultat

ikkawzat danni lill-konvenut rikonvenzjonanti, kemm attwali kif ukoll f'telf ta' qliegh kif jigi ppruvat; u talab lis-socjeta' attrici tghid ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

Tiddikjara li s-socjeta' attrici hija responsabbli ghad-danni ikkawzati lill-konvenut rikonvenzjonanti kif intqal fuq;. tillikwida d-danni msemmija okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi. tikkundanna lis-socjeta' attrici rikonvenzjonata thallas id-danni kif likwidati kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet.

**ECCEZZJONIJIET GHAL KONTRO-TALBA**

Fid-9 ta' Mejju, 1999 giet ipprezentata nota tal-eccezzjonijiet mis-socjeta' attrici ghall kontro-talba pprezentata fejn ecepiet: Preliminarjament il-presekrizzjoni tal-azzjoni rikonvenzjonali a tenur tal-artikolu 2153 tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; Illi bla pregudizzju ghall-premess l-infondatezza tal-pretenzjonijiet rikonvenzjonali billi s-socjeta' esponenti wettqet l-inkarigu lilha moghti skond is-sengha u l-arti. Salvi eccezzjonijiet ohrajn.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg ecezzjonijiet tal-konvenut (ara fol. 26 u 78).

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija illi l-azzjoni attrici hi preskritta a tenur tal-artikolu 2149(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta liema artikolu jipprovdi illi:

> 'l-azzjonijiet tal-benejja ta' bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-kuntratturi ta' bini iehor jew xogholijiet ohra ta' injam, gebel jew materjal iehor ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu …jaqghu bi preskrizzjoni ta sentejn.'

Mill-provi li gew prodotti quddiem din il-Qorti irrizulta illi bejn il-partijiet kien gie iffirmat ftehim datat 24 ta 'Ottubru, 1991 fejn il-konvenut kien inkariga lis-socjeta' attrici sabiex tesegwixxi xi xogholijiet ta' kostruzzjoni u alterazzjoni f'*swimming pool* li l-konvenut kellu gewwa Ghawdex (Dok NA fol. 43) u din il-kawza qed issir sabiex jithallas bilanc ta' prezz ta' madum u tghamir mibjugh u fornit mis-socjeta' attrici lill konvenut.

Jirrizulta mid-dokumenti ezibiti li l-ftehim kien wiehed ta' appalt u li x-xogholijiet in kwistjoni jinkwadraw ruhhom fin-natura tax-xogholijiet li huma rregolati ghall finijiet ta' preskrizzjoni mill-artikolu 2149 (a) tal-Ligijiet ta' Malta stante illi l-Qrati taghna dejjem sostnew illi dan l-artikolu japplika fejn ikun jezisti kuntratt ta' appalt fejn il-kuntrattur jissupplixxi kemm ix-xoghol kif ukoll il-materjal.

F'dan il-kuntest din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenzi Borg vs Testaferrata Bonnici Vol XL11 p 1 p153; Grech vs Camilleri App 21.3.77; Sapienza vs Antignolo Vol XXIX p 3 p 187; Bezzina vs Said Vol XL11 p3 p 1151.

Il-Qorti trid tara jekk meta giet intavolata l-kawza odjerna kienx diga' skada it-terminu ta' sentejn indikat mill-artikolu 2149(a) u ghalhekk hijiex preskritta.

Rilevanti ghal din l-eccezzjoni, fil-provi prodotti hemm is-segwenti.

**Raymond Vella** (fol. 56) xehed li hu kien jirrimarka mal-konvenut dwar il-kont pendenti li kellu u kien jistaqsih meta kien ser jissettiljah. Dan id-diskors sar ghal iktar minn darba, f'perjodu tas-snin 1995 / 6 / 7. **L-ahhar li kellmu kien lejn l-ahhar tal-1997. Il-konvenut qatt ma qallu li l-ammont mhux dovut minnu u kien jghid li ried jissettilja u li kellu xi xoghol tal-familja li seta jissettiljah bih.**

**Marisa Vella** xehdet (fol. 61) li kienu kkomplenjaw diversi drabi ma' Vella biex isewwilhom il-*pool*. Hi kompliet tghid hekk:

*I was the one who used to go to give instalment cheques to Hal Mann and it was our decision to stop any further payments* *until their invoice was rectified* *and also further payments regarding commissions due to Norbert were eliminated from the bill. In 1997 they (Hal Mann) decided to make things worse by adding interest of Lm3,939 to the bill. We both went to speak to Joe Vella about the matter and he told us that this was also their mistake and will also be rectified. Joe Vella agreed with Norbert that it was about time to rectify the invoice which meant a) eliminating cost of first amounting to Lm1,950, b) eliminate interest amounting to Lm3,939, c) eliminate commissions due to Norbert from the bill, d) eliminate cost of equipment that never functioned properly, e) extra expenses incurred unduly by Norbert. All the above was verbally agreed upon but in practice nothing was done. I remember Norbert telling Joe Vella that at that stage it was Hal Mann that owed money to Norbert and not vice versa.*

**Tikkunsidra**

L-accettazzjoni tal-konvenut li jittratta mal-atturi dwar l-ilment tieghu u sahansitra joffrilhom ftehim jimplika rinunzja ghall-preskrizzjoni (anke jekk gja akkwisita) in kwantu hija inkompatibbli ma' l-intenzjoni li jipprezervaha u jopponiha. (Ara Artikolu 2109(2) Kodici Civili u sentenzi Camilleri vs Borg 21.3.59; Borg vs Nobbli M.Testaferrata Bonici; M.C.Demarco vs G.Zammit 11.6.43 u Troplong Della Prescrizione.)

Skond l-awtur Troplong "*Vi ha rinunzia tacita alla prescrizione quando il debitore, senza negare di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto, e l'espressione usata dimostra che egli ammetteva di essere debitore verso l'attore ma non riconcosceva essere esatta la somma."* (Troplong - Prescrizione No 67, Aubrey et Rau V111 para 776.)

Illi fil-kaz in ezami l-konvenut mhux qed ighid li m'ghandux jaghti lill-atturi (ara anke ix-xhieda ta' R. Vella li xehed li l-konvenut qatt ma cahad li ghandu jaghti

u ried jissettilja) imma hu qed jippretendi li l-kont ghandu jigi rrangat ghax hemm xi sommon li jridu jitnaqqsu. Sal-1997 il-posizzjoni kienet kif qed jinghad u l-kawza giet prezentata fit-12 ta' Mejju, 1998 entro s-sentejn. Ghalhekk iz-zmien li setgha ghadda sakemm giet prezentata l-kawza gie rez ineffettiv bir-rikonoxximent tad-debitu da parti tal-konvenut.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut bl-ispejjez kontra l-konvenut u tiddiferixxi l-kawza ghat-22 ta' Ottubru, 2001.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**